# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis, 2 ta' Novembru, 2023

**Numru 3**

**Rikors Numru 1148/19TA**

**Delta 3 Finance & Investments Company Limited [C87970]**

**vs**

1. **Haber 16 Limited [C 87127]**
2. **Justin Haber [KI 278281M]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Delta 3 Finance & Investments Company Limited (is-Soċjeta' Attriċi) tat-3 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi r-rikorrenti hija kumpannija rregistrata gewwa Malta, li dahlet volontarjament f'zewg *partnership agreements* mal-intimati fit-tlieta (3) ta' Mejju elfejn u dsatax (2019), kopja hawn annessa u mmarkati **Dok A u Dok B**;

2. Illi permezz ta' l-ewwel *partnership agreement* hawn fuq imsemmi, il-partijiet dahlu fi ftehim illi r-rikorrenti takkwista hamsin fil-mija (50%) ta' l-ishma tas-socjeta' intimata ghal prezz ta' hamsin elf Ewro (€50,000), u permezz tat-tieni *partnership agreement* li sehh bejn il-partijiet fl-istess gurnata tat-tlieta (3) ta' Mejju elfejn u dsatax (2019), il-partijiet dahlu fi ftehim iehor illi r-rikorrenti takkwista tnax punt hamsa fil-mija (12.5%) tal-ishma tas-socjeta' intimata, ghal prezz ta'

tnax il-elf u hames mitt Ewro (€12,500). Illi dan il-ftehim kellu jigi fi sehh fl-1 ta' Gunju 2019;

3. Illi l-ftehim bejn il-partijiet kien jikkonsisti li r-rikorrenti jiggestixxu r-restaurant bl-isem 'Haber 16 Restaurant' gewwa Marsaxlokk fejn il-qliegh u l-ispejjes jigu allokati bejn l-istess partijiet skond l-ishma li ghandhom il-partijiet;

4. Illi r-rikorrenti, minn mindu iffirmat l-*partnership agreement* mal-intimati, dahlet b'ruhha u b'gismimha fil-progett impenjattiv tal-'Haber 16 Restaurant', u bi ftehim ma' l-intimati li minn naha taghhom accetaw, bdiet thallas minn flusha lill-kredituri tas-socjeta' intimata u ta' l-intimat sabiex taqta' amonti sostanzjali ta' djun li kienu akkumulaw, bil- pagamenti mir-rikorrenti jammontaw ghall-total ta' wiehed u sittin elf, tlett mija u wiehed u sebghin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€61,371.83), kif jidher fl-iskeda hawn annessa u mmarkata **Dok C**;

5. Illi apparti mill-hlas li sar mir-rikorrenti lejn kredituri tas-socjeta' intimata, ir-rikorrenti wkoll ghamlet bosta pagamenti lill-intimat Justin Haber, sabiex tghinu fis-sitwazzjoni prekarja ta' finanzi personali li kien jinsab fiha, pagamenti li jammontaw ghall-total ta' ghaxar telef Ewro (€10,000), kif jidher fl-iskeda hawn annessa u mmarkata **DokC**;

6. Illi l-intimati permezz ta' ittra ufficjali numru 3878/19, kopja hawn annessa u mmarkata **Dok D**, talbu lir-rikorrenti ghal hlas ta' danni arrekati lilhom mir-rikorrenti talli skond huma r-rikorrenti naqsu mill-obbligi taghhom billi ghamlu djun u zammew flejjes li gew generati min-negozzju ghalihom. Dan huwa rifjutat mir-rikorrenti li minn naha taghha tghid li agixxiet b'mod u manjiera diligenti kif ser jirrizulta fl-kors tal-kawza;

7. Illi ghalkemm ir-rikorrenti ghaddiet lura l-gestjoni tar-restaurant lill-intimati, ma hadet l-ebda ishma, u talbet ghal hlas tal-flus li hallset kemm lil kredituri kif ukoll terzi sabiex l-operat ta' l-istabiliment jibqa jsehh, izda l-intimati baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk l-intimati jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazjoni opportuna u ghar ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ghandhom jhallsu lir-rikorrenti l-flus li thallsu lilhom u/jew lil terzi ghal beneficcju ta' l-istess intimati;

2. Tillikwida l-ammont, pevja bil-hatra ta' periti, l-ammont li r-rikorrenti hallsu lil intimati u/jew lil terzi ghal beneficcju ta' l-istess intimati;

3. Tikkundanna lil intimati ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluz l-ittra ufficjali u l-mandati, kif ukoll l-imghax kontra l-intimati, li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Haber 16 Limited u Justin Haber (il-konvenuti) tas-7 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

"1. Illi l-eccipjenti jaqblu mal-premessi numri wiehed u tnejn rispettivament;

2. Illi madankollu l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija f'dina r-risposta.

3. Illi l-kontendenti ftehmu li jiggestiggux flimkien ir-restaurant Haber 16 bil-qliegh u bl-ispejjez jinqasmu ukoll ugwalment.

4. Illi effettivament meta l-kumpanija rikorrenti, wara li ffirmat il-ftehim ta' bejniethom, hadet f'idejha l-gestjoni tan-negozju kollu f'idejha ad eskluzjoni tal-eccipjenti u konsegwentement mexxiet in-negozju b'traskuragni grossolana, qerq u frodi kbir ghad-dannu tal-eccipjenti.

5. Illi barra minn dan is-socjeta rikorrenti misapproprijat u frodat lill-eccipjenti ammonti konsiderevoli ta' flus, u ghamlet ukoll dikjarazzjonijiet foloz fil-kotba u/jew statements tan-negozju u kif ukoll manipulat is-sistemi w statements fiskali sabiex taghti stampa falza u diversa minn dik li effettivament kienet.

6. Illi dan kollu sehh b'qerq u b'mod immedjat u f'qasir zmien mill-ftehim li jindika li l-kumpanija rikorrenti u d-dirigent ewlieni taghha Mohab M. Fahmi kien sa minn qabel il-konkluzjoni tal-ftehim u waqt l-esekuzzjoni tal-istess ftehim qed jagixxi in *mala fede* u ghad-detriment uniku tal-eccipjenti.

7. Illi assolutament mhux minnu li s-socjeta rikorrenti hallset lill-eccepjenti dak li kellha thallas fuq il-kuntratt sabiex tidhol fi shab ugwali mal-eccipjenti w anqas huwa minnu li s-socjeta rikorrent hallset l-ammonti minnha ndikati ghan-nom u fl-interess tal-eccipjenti jew min minnhom kif allegat.

8. Illi mhux minnu li s-socjeta rikorrenti sofriet danni bi htija tal-eccipjenti, anzi adirettura huma l-eccipjenti li sofrew danni ngenti minhabba l-qerq, misapproprijazzjoni, frodi u nuqqas ta' tmexxija serja ta' negozju li dahlet ghalih biex tmexxi, u dan kif ser jkun ippruvat dettaljatament fil-mori u t-trattazzjoni tal-kawza.

9. Illi inoltre s-socjeta rikorrenti aggixxiet b'mod kolpevoli u ukoll doluz meta uzat l-kumpanija Haber 16 Limite ghall-hasil ta' flus li s-socjeta

rikorrenti gabet minn Dubai u dana minghajr awtorizazzjoni u ghad-insaputa tal-eccipjenti, kif ukoll hassret il-facebook ta' Haber 16 Restauranat li kellu il-fuq minn hdax-il elf follower, u qed tirrifjuta li tirritorna l-kotba w d-dokumenti kollha tan-negozju bl-intiza wara li tiddistabilizza l-operat tar-restauant Haber 16.

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ser jipprocedu rikonvenzjonalment sabiex permezz ta' kontrotalba li qed tigi prezentata kontestwalment ma' dina r-risposta guramentata, sabiex previa l-kundanna relattiva jigu likwidati d-danni sofferti mill-esponenti minhabba l-mala fede u l-agir irresponsabbli tas-socjeta rikonvenzjonata u konsegwentement tkun ordnata thallas l-istess ammont likwidat in linea ta' danni, u kif ukoll sabiex is-socjeta rikonvenzjonata tkun ordnata tirritorna l-kotba u d-dokumenti kollha tal-kummerc tar-Restaurant Haber 16 mizmuma minnha ndebitament.

11. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti tas-7 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha ippremettew u talbu s-segwenti:

"**<u>Il-Fatti</u>**:-

1. Illi l-esponenti dahlu fi ftehim ta' shubija fin-negozju mas-socjeta Delta 3 Finance & Investments Company Limited sabiex jiggestixxu flimkien r-restaurant bl-isem Haber 16 li jinsab gewwa Xatt is-Sajjieda – Marsaxlokk, bil-qliegh u bl-ispejjez jinqasmu ukoll ugwalment bejniethom.

2. Illi effettivament meta l-kumpanija Delta 3 Finance & Investments Company Limited ffirmat il-ftehim ta' mal-esponenti, bi vjolazzjoni ta' dak provdut fil-kuntratti, hadet f'idejha l-gestjoni tan-negozju kollu tar-restaurant Haber 16 ad eskluzjoni tal-esponenti u konsegwentement mexxiet in-negozju bi traskuragni grossolana, qerq u frodi kbir ghad-dannu tal-istess esponenti.

3. Illi barra minn dan is-socjeta Delta 3 Finance & Investments Company Limited misappproprijat u frodat lill-eccipjenti ammonti konsiderevoli ta' flus, u ghamlet ukoll dikjarazzjonijiet foloz interalia fil-kotba u/jew statements tan-negozju u kif ukoll manipulat is-sistemi u statements fiskali sabiex taghti stampa falza u diversa minn dik li effettivament kienet.

4. Illi dan kollu sehh b'qerq u b'mod immedjat u f'qasir zmien mill-ftehim, li jindika li l-kumpanija Delta 3 Finance & Investments Company Limited u d-dirigent ewlieni taghha Mohab M. Fahmi kienu sa minn qabel il-konkluzjoni tal-ftehim u waqt l-esekuzzjoni tal-istess

ftehim kienet qed jagixxu in *mala fede* u ghad-detriment uniku tal-esponenti.

5. Illi l-esponenti sofrew danni ngenti minhabba l-qerq, misapproprijazzjoni, frodi u nuqqas ta' tmexxija serja ta' negozju li dahlet ghalih biex tmexxi s-socjeta rikonvenzjonata Delta 3 Finance & Investments Company Limited.

6. Illi inoltre s-socjeta rikorrenti aggixxiet b'mod kolpevoli u ukoll doluz meta uzat l-kumpanija Haber 16 Limited ghall-hasil ta' flus li s-socjeta rikonvenzjonata gabet minn Dubai u dana minghajr awtorizazzjoni u ghad-insaputa tal-eccipjenti, kif ukoll hassret il-facebook ta' Haber 16 Restaurant li kellu 'l fuq minn hdax-il elf follower, u qed tirrifjuta li tirritorna l-kotba w d-dokumenti kollha tan-negozju bl-intiza cara li tiddistabilizza l-operat tar-restaurant Haber 16.

7. Illi minhabba li s-socjeta Delta 3 Finance & Investments Company Limited qed tirrifjuta li tirritorna l-kotba w d-dokumenti kollha tal-kummerc tar-restaurant Haber 16, is-socjeta rikonvenzjonanti ma tistghax tottempera ruhha mal-obbligazzjonijiet fiskali li ghandha mal-awtoritajiet koncernati skond il-ligi, u konsegwentament l-esponent Justin Haber personalment qed ikun espost ghal responsabilitajiet taht il-ligijiet fiskali u dawk kriminali kemm-il darba l-istess socjeta Haber 16 Limited minnu rapprezentata ma tottemperax ruhha mal-obbligi taghha skond il-ligi.

8. Illi dawn il-fatti huwa ghad-diretta konoxxenza tal-esponent Justin Haber personalment.

**<u>Ir-Raguni ghat-talbiet:</u>**

9. Illi l-esponenti sofrew danni ngenti minhabba l-agir irresponsabbli da parti tas-socjeta Delta 3 Finance & Invesments Company Limited, l-istess socjeta rikonvenzjonata qed izzomm ghandha l-kotba u d-dokumenti kollha tan-negozju tas-socjeta Haber 16 Limited ndebitament, u ghalhekk kellha ssir dina l-kontrotalba.

**<u>It-Talbiet</u>**:

1. Tiddikjara illi s-socjeta rikonvenzjonata Delta 3 Finance & Investments Company Limited hija responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-intimati rikonvenzjonanti u dana minhabba l-agir rresponsabbli da parti taghha u partikolarment minhabba tmexxija negligenti u kolpevoli, ghemil doluz, misapproprijazzjoni w frawdolenti, de fronte tal-esponenti.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-intimati rikonvenzjonanti u kkagunati mis-socjeta' rikonvenzjonata.

3. Tikkundanna lis-socjeta Delta 3 Finance & Investments Company Limited thallas lill-esponenti s-somma hekk likwidata bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-likwidazzjoni sal-pagament effettiv.

4. Tiddikjara ukoll illi s-socjeta Delta 3 Finance & Investments Company Limited qieghda zzomm l-kotba u d-dokumenti tal-kummerc tar-restaurant Haber 16, indebitament u minghajr raguni valida fil-ligi, u

5. Konsegwentament tordna lis-socjeta Delta 3 Finance & Investments Company Limited sabiex fi zmien qasir u perentorju tikkonsenja lura ghand l-intimati rikonvenzjonanti l-kotba u d-dokumenti kollha tal-kummerc relatati mas-socjeta Haber 16 Limited u r-restaurant minnha gestit li jgib l-istess isem.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici rikonvenzjonata li hija issa ngunta in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-intimati rikonvenzjonanti skont il-ligi."

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Attriċi għat-talba rikonvenzjonali fuq imsemmija tal-21 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi l-partijiet kollha kienu fi qbil li r-rikorrenti jiggestixxu n-negozju;

2. Illi mhux minnu u jinkombi fuq l-intimati jghidu kif ir-rikorrenti *mexxa n-negozju bi traskuragni grossolana, qerq u frodi kbir ghad dannu* ta' l-intimati;

3. Illi mhux minnu u jinkombi fuq l-intimati jghidu kif ir-rikorrenti *misapproprijat u frodat lill-intimati ammont konsiderevoli ta' flus u ghamlet ukoll dikjarazzjonijiet foloz interalia fil-kotba/u jew statements ta' negozju u kif ukoll manipulat s-sistemi u statements fiskali biex taghti stampa falza u diversa minn dik li effetivament kienet*;

4. Illi mhux minnu u jinkombi fuq l-intimati jghidu kif ir-rikorrenti agixxiet in *mala fede* meta gie ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet;

5. Illi mhux minnu u jinkombi fuq l-intimati jghidu kif l-intimati soffrew danni minhabba l-qerq tar-rikorrenti. Ghandhom jigu spjegati liema danni u l-*quantum* ta' l-istess danni, u kif dawn gew kawzati mir-rikorrenti. L-istess jinkombi fuq l-intimati igibu prova tal-misappropjazzjoni, frodi u nuqqas tat-tmexxija allegata minnhom;

6. Illi mhux minnu li r-rikorrenti agixxiet b'mod kolpevoli u doluz meta uzat il-kumpannija Haber 16 Ltd ghal hasil ta' flus li gabet minn Dubai ad insaputa ta' l-intimati Din hija allegazzjoni serja u frivola u l-esponenti jirriservaw li jiehdu passi kontra l-intimati fil-mument

opportun. Illi mhux minnu ukoll li l-esponenti hassret il-pagna facebook u li hadet kotba u dokumenti bl-intiza li tiddistabilizza l-operat tal-kumpannija;

7. Illi mhux minnu li r-rikorrenti irrifjutat jew qed tirrifjuta li tirritorna kotba u dokumenti tar-restaurant lill-esponenti u b'hekk ma tistax tottempera ruhha ma' l-obbligi fiskali b'detriment ukoll ghal intimat Justin Haber;

8. Illi ghalhekk l-esponenti mhux responsabbli ghal danni fejn ma hemm l-ebda danni x'tillikwida li ghandha thallas.

9. Illi ghalhekk mhux minnu li l-esponenti ghandha kotba u dokumenti tar-restaurant Haber 16 u m'ghandha trodd xejn lura.

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' din il-Kawża mill-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Is-Soċjeta' konvenuta, li għandha lill-konvenut bħala Direttur tagħha, kienet tiġġestixxi restaurant bl-isem ta' Haber 16 Restaurant f'Marsaxlokk. Jum fost l-oħrajn Mohab Fahmi mar jiekol f'dan ir-restaurant u jidher li l-kliem dar bil-mod kif dan ir-restaurant kien qiegħed ikun immexxi.

**2.** B'konsegwenza ta' din id-diskursata u peress li l-istess konvenut irrikonoxxa li tassew kellu bżonn min imexxilu aħjar dan ir-restaurant, aċċetta li jidħol f'partnership mas-Soċjeta' Attriċi u dan billi permezz tal-ewwel ftehim datat 3 ta' Mejju 2019, is-Soċjeta' attriċi kellha takkwista 50% tal-ishma fis-Soċjeta' konvenuta u permezz tat-tieni ftehim, ukoll

datat 3 ta' Mejju 2019 għall-istess raġunijiet is-Soċjeta' Attriċi kellha takkwista 12% oħra tal-ishma fis-Soċjeta' konvenuta. Fiż-żewġ istanzi s-Soċjeta' Attriċi qablet li kellha "fully manage the business and day to day running" ta' dan ir-restaurant.

**3.** Jidher ukoll, anke jekk ma kienx parti mill-ftehim, li s-Soċjeta' Attriċi anke ħallset xi impenji u djun finanzjarju li kellu l-konvenut. Ġara iżda li din l-intrapriża bejn il-partijiet ma kellhiex suċċess biex issa s-Soċjeta' Attriċi qegħdha tfittex lill-konvenuti għall-flejjes minnha maħruġa kemm fl-interess personali tal-konvenut u anke tas-Soċjeta' konvenuta.

**4.** Min-naħa tiegħu l-konvenut qiegħed jgħid li s-Soċjeta' konvenuta taħti għal dan il-falliment u dan minħabba tmexxija ħażina da parti tas-Soċjeta' Attriċi u kif ukoll minħabba li s-Soċjeta' Attriċi aġixxiet b'mod doluż, ikkommettiet misapropjazzjoni u kienet frawdolenti si fronti kemm tal-konvenut u anke tas-Soċjeta' konvenuta.

**Punti ta' liġi**

**5.** Is-Soċjeta' Attriċi qegħdha tirriklama kull flejjes li nefqet a benefiċċju tal-konvenuti konsistenti fost oħrajn fi ħlasijiet magħmulin lil terzi u lill-konvenut personalment. Għalkemm l-azzjoni esperita għandha mill-*actio de rem inverso* għandha ukoll min-natura tal-*mutuum.* Għalhekk l-azzjoni hija waħda mista. Qiegħed jingħad hekk għaliex l-azzjoni hija mnissla minn żewġ negozji ġuridiċi differenti kif diġa' rilevat. Hija kumulu taż-żewġ istituzzjonijiet Ċivilistiċi.

**6.** Dan jista' jingħad ukoll għall-kontro-talbiet li huma impernjati kemm fuq dak li jistipula l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll dawk l-atti delittwali jew kważi-delittwali. Di fatti f'dan intqal hekk: *"Dawn in-nuqqasijiet jistghu jinkwadraw ruhhom u jsibu l-applikazzjoni taghhom fejn ikun hemm nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjonijiet sew delittwali sew kontrattwali w it-talba li hija wahda ghall-kundanna tad-danni tkopri sew dawk id-danni li jirrizultaw bhala konsegwenza ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili, sew dawk id-danni li jirrizultaw minn nuqqasijiet kontrattwali. B'dana kollu ma hemm xejn kuntrarju ghad-disposizzjonijiet tal-ligi taghna illi jkun hemm responsabbilita` mista ghad-danni kkagunati fejn il-persuna li tkun hekk ikkagunat id-danni tkun obbligata versu min ikun lilu gew ikkagunati sew a bazi tar-relazzjoni kontrattwali sew a bazi ta' xi obbligazzjoni ohra. L-Artikolu 959, infatti, tal-Kodici Civili bl-ebda mod ma jeskludi din l-obbligazzjoni mista u f'kaz li tezisti tista' tigi ezercitata permezz ta' azzjoni mista"* (Ara **Sentenza tas-16 ta' Frar, 2004 Appell Ċivili fl-ismijiet Brian Valenzia bħala direttur għan-nom u in rappresentanza tas-Soċjeta` Arva Insurance Agency Limited -vs- Il-Kontrollur tad-Dwana et**).

**Konsiderazzjonijiet**

**7.** Il-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti hija regolata minn żewġ kuntratti fuq l-istess ħaġa b'kundizzjonijiet li huma l-istess u identiċi. Għalkemm f'kull ftehim jingħad li "*The parties shall have equal rights in the management of the partner ship,"* fl-istess klawsola hemm

maqbul li *“the Second Party* ***will fully manage the business and the day to day running will be vested in him.”*** (Emfażi a’ fol 7 u 11). Għalhekk jidher, li l-l-konvenuti aċċettaw li l-ġestjoni ta’ kuljum tar-restaurant tkun esklussivament f’idejn is-Soċjeta’ konvenuta. Dan ifisser ukoll, li din l-aħħar Soċjeta’ kellha kull dritt li timpedixxi lill-konvenut milli jindaħal fit-tmexxija ta’ kuljum.

**8.** Pero’ irid ukoll jingħad, li bil-mod xejn feliċi li ġew redatti dan iż-żewġ kuntratti ma għen xejn biex jistabilixxu relazzjoni serena bejn il-partijiet. Dawn huma żewġ kuntratti bl-istess oġġettivi u miri kummerċjali li ġew miktuba bl-aktar mod vag u ġeneriku u b’ingliż li ma jagħmel ebda sens jew li jista’ jagħti għall-interpretazzjonijiet vari dwar l-obbligi u drittijiet ta’ kull parti. Dawn iż-żewġ kuntratti huma stedina għal inkwiet bejn il-partijiet tant li ħames xhur biss wara li saru beda jberraq kif jirrisulta mill-ittra uffiċjali tas-Soċjeta’ konvenuta tal-4 ta’ Ottubru 2019 (a’ fol 15) u bil-Kawża odjerna, li ġiet presentata fit-3 ta’ Diċembru 2019 meta kull ftehim iġib id-data tat-3 ta’ Mejju 2019 ( a’ fol 6 u 10).

**9.** Jirrisulta mill-aktar mod ċar li l-konvenut seta’ kellu għarfien tajjeb dwar il-ħajja fil-baħar, iżda kien nieqes għal kollox mill-ħiliet ta’ kif ibiegħ u jservi dak li jinqabad mill-baħar. Di fatti Tony Cuschieri, manager li tqabbad minn Mohab Fahmi biex imexxi dan ir-restaurant jixhed hekk:

“***Qorti****: X’kien ir-rwol tieghu Justin ?*

***Xhud****:* *Jiekol u jixrob. Kien jaghtini daqqa t’id u kont nghidlu oqghod kwiet ghax tfixkilni izjed. Ahjar toqghod bil-qeghda ghax ma jafx fil-catering.*

*Kont nghidlu nippreferi toqghod bil-qeghda u tfixkilnix. Imma kien jahdem iva. Kien ghini*." (Emfażi tal-Qorti a' fol 249 tergo u 250).

**10.** L-istess il-konvenut fil-kontro-eżami jiddikjara li għandu restaurant iżda ma jafx imexxih (a' fol 256 tergo K/E). Il-Qorti ma hiex konvinta li l-konvenut jaf x'inhuma il-valur tal-flus u għalhekk ma għandniex xi ngħidu dan il-fatt anke rrifletta fuq l-istat tas-saħħa finanzjarja tas-Soċjeta' konvenuta. Il-Qorti hija mija fil-mija konvinta li dan kien il-fattur ewlieni li wassal għal dak li huwa deskritt bħala partnership mas-Soċjeta' konvenuta.

**11.** F'dan ir-rigward Mohab Fahmi jixhed hekk: "*A few weeks later, due to Mr Haber's insistence and constant badgering how broke he is and that he needs more cash I offered him to purchase a further 12% of the restaurant to which he agreed and a second agreement for that amount was signed to which he recieved payment for the amount of €12,500. This effectively made us majority shares holders in the establishment*." (a fol 34 tergo). Pero' din il-Qorti ma tistax tispjega kif iż-żewġ kuntratti għandhom l-istess data meta l-aħħar wieħed sar ġimgħat wara l-ewwel wieħed. Din il-partijiet biss jistgħu jispjegawha.

**12.** Il-Qorti tinnota ukoll li fil-waqt li l-konvenut jgħid li nefaq €330,000 fin-negozju u saħansitra saritlu offerta ta' mitejn elf ewro (€200,000) mis-Soċjeta' konvenuta, b'dana kollu biegħ 62% tal-ishma biż-żewġ kuntratti għal tnjen u sittin elf u ħames mitt ewro (€62,500) (ara a' fol 224 tergo u affidavit tal-konvenut a' fol 240 u a' fol 256). Dan jista' jfisser jew li l-

konvenut huwa konfuż, jew li mhux jgħid is-sewwa jew li kien magħfus għall-flus.  X'aktarx taħlita tat-tlett elementi.

**13.** Min-naħa l-oħra s-Soċjeta' Attriċi qegħda tippretendi li tħallas l-ammonti kif indikati fid-dokument markat Dok C (a' fol 14).  Dan id-dokument jindika li s-Soċjeta' Attriċi għandha tirċievi l-ammont ta' wieħed u sebgħin, tlett mija u wieħed u sebgħin punt tlieta u tmenin ewro (€71,371.83).  Fil-lista hemm inklużi dawk l-ammonti li tħallsu kemm lill-konvenut personalment u kif ukoll lis-Soċjeta' konvenuta.  Il-Qorti tirrimarka li saret drawwa li l-partijiet jitilqu kwantita' ta' dokumenti b'ċifri u ammonti li naħseb l-anqas huma stess ma jifhmu u jippretendu li l-Qorti tikkonverti lilha nnifisha fil-kwalita' ta' komputista biex dak li kellha tagħmel il-parti tagħmlu hi.  Dan ma huwiex aċċettabbli. B'dana kollu, sabiex issir ġustizzja, din il-Qorti fliet il-lista inkwistjoni u ser tasal għall-konklużjonijiet tagħha fuq dak li għandha quddiemha.

**14.** Qabel xejn ma huwa sewwa xejn li kull item ma hux akkompanjat minn xi xorta ta' dokument li jikkonferma li l-ammonti tassew intefqu.  Il-minimu li setgħet tagħmel is-Soċjeta' Attriċi hu tal-inqas bank statement u tressaq lir-rappresentanti tal-bank jew li jiġu presentati xi xorta ta' riċevuti jew dokumenti li jikkonfermaw dan l-infieq.  Għalkemm Ruth Grixti issemmi li kien hemm cheque book, dan ma ġiex esebit u dan anke biex ikun kontrollat dak li qalet din ix-xhud (a' fol 40).

**15.** Il-minimu li kellha tagħmel is-Soċjeta' konvenuta huwa li tressaq prospett professjonali preferibbilment imħejji mill-awdituri tas-Soċjeta'

Attriċi. Dan qiegħed jingħad anke fi-rigward ta' numru ta' riċevuti esebiti b'mod disordnat mis-Soċjeta' Attriċi li kien mistenni li tiddeċifrahom din il-Qorti. Anke f'dan ir-rigward setgħet ġiet presentata nota spjegattiva preferibilment minn professjonista fil-qasam tal-konteġġi. Kwantita' ta' riċevuti b'uħud minnhom saħansitra mingħajr data.

**16.** B'dana ma jfissirx li l-ammonti jew uħud minnhom ma humiex dovuti għaliex huwa loġiku, li l-Qorti tistrieħ fuq il-prova tad-dokumenti esebiti mill-attur in kwantu, fiċ-ċirkostanzi ġenerali tal-każ, dawn huma biżżejjed biex inisslu fiha dik iċ-ċertezza morali li, fil-kamp ċivili, kull tribunal għandu jfittex u jaspira għaliha (**Ara Kollez. Vol. XXXVI P I p 319**).

**17.** Pero' l-konvenut jiċħad li dawk il-flejjes intefqu. Anzi jgħid li l-materjal kien jixtrih hu u mhux is-Soċjeta' Attriċi, peress li mal-ġurnata hu kien ikun fir-restaurant kull meta jiġu dawk li jridu jbiegħu xi ħut u materjal ieħor għall-kċina. Dak li qiegħed jingħad anke fir-rigward ta' numru ta' riċevuti esebiti b'mod disordnat mis-Soċjeta' Attriċi li kien mistenni li tiddeċifrahom din il-Qorti. Anke f'dan ir-rigward setgħet ġiet presentata nota spjegattiva preferibilment minn professjonista fil-qasam tal-konteġġi.

**18.** F'sitwazzjoni bħal din dawn il-Qrati jgħallmu li li huwa prinċipju assodat fil-każ li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għal prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

*"Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, filkamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawza civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilità civili*" – (Ara **Sentenza tal-PA fl-ismijiet Giordmaina Medici et -vs- Rizzo tat-28 ta' April 2004**).

**19.** Issa minn dik il-lista, il-konvenut irrikonoxxa li rċieva xi flejjes għalih personalment. Il-konvenut personalment jagħraf liema pagamenti għamel l-attur u jimmarkom bl-aħmar (a' fol 14 very goods bl-aħmar, a' fol 221 xhieda tiegħu). Dawn jammontaw għal tnax-il elf u ħmistax-il ewro (€12.015). Dan l-ammont għalhekk huwa dovut mill-konvenut personalment u mhux mis-Soċjeta' konvenuta.

**20.** Il-bqija li hemm f'din il-lista skont is-Soċjeta' Attriċi intefqu inkonnessjoni mar-restaurant. Kif diġa' rilevat, din il-Qorti irrimarkat li ebda wieħed minn dawn l-infieq ma' ġie ikkoroborat b'xi xorta ta' dokument li jindika kull infieq. Pero' fuq stregwa tat-tagħlim fuq imsemmi ma jfissirx b'daqshekk li ebda wieħed minn dawn il-pagamenti ma huwa dovut tenut kont taċ-ċirkostanzi.

**21.** Kif jirrisulta, l-konvenuti ma kellhomx il-kapital meħtieġ biex jiffinanzjaw l-attivita', tant li l-konvenut kien il-ħin kollu jeqred għall-flus peress li kien manifestament magħfus għall-flus. Jirrisulta ukoll, li skont il-

ftehim imsemmi d-*day to day management* tar-restaurant tħalla f'idejn is-Soċjeta' konvenuta u dan fuq xewqa tal-konvenuti.

**22.** Biex ir-restaurant jitmexxa kien hemm bżonn il-kapital u dan żgur li ma setax jinġieb mingħand il-konvenuti minħabba l-istat xejn feliċi finanzjarju tagħhom. Għalhekk, fuq il-preponderanza tal-provi u l-bilanċ tal-probabilitajiet huwa verosimili għall-aħħar, li dan il-kapital ħarġitu s-Soċjeta' konvenuta. Pero' dan ma jfissirx li din il-Qorti ser tammetti dak kollu li huwa f'din il-lista. Ser tammetti biss dawk li huma manifestament marbuta mal-attivita' kummerċjali mertu ta' dawn il-proċeduri. Huwa f'dan ir-rigward li n-nuqqas ta' produzzjoni tar-riċevuti u dokumenti dwar ħlas ser jinċidu u cioe' fuq il-kwantum ta' dak li ser ikun dovut mis-Soċjeta' konvenuta u mhux mill-konvenut personalment.

**23.** Dawn huma l-ammonti li ser ikunu ammessi: €2000 operational capital given to Justin; €2,592.80 pro kitchen invoice; €1453.88 Cassar Camilleri Marsovin; €633 meat world; €330 Melchior for fish; Chef's plate €209.30; €51.90 cleaning supplies; sea dates €65; €863.50 Rita; Chef's work €271.87; €463.70; €515.90; €84 table clips; €279.50 Salaries difference; pro kitchen invoice €372.35; Rita Fish shop €230 u €395.40. Il-flejjes li qed jingħad li tħallsu lil Haber 16 Limited ma humiex jiġu ammessi. Ma hemm ebda prova li dawn ġew trasferiti lill-konvenut minkejja li jissemmew il-bank statements. Dawn il-bank statements baqgħu qatt ma ġew esebiti. Għalhekk b'kollox qed ikunu ammessi li

huma dovuti mis-Soċjeta' konvenuta l-ammont ta' għaxart elef tmien mija u ħdax punt sitta tal-ewro (€10,811.6).

**24.** Kwantu għat-talbiet rikonvenzjonali din il-Qorti kemm minħabba l-mod neboluż għall-aħħar tal-provi imressqa u kif ukoll tal-kwalita' ta' provi li tressqu, din il-Qorti ma tistax tirriskontra xi wieħed mill-għemil li qed ikunu addebitati lis-Soċjeta' konvenuta. Safejn jirrigwarda t-traskuraġni ai termini tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili, huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti"* (ara **- Kollez. Vol. XXX. I. 142**). Intqal ukoll illi "*l-kolpa fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

**25.** Dan ifisser illi wieħed jeħtieg jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mal-prevedibilita` ta' l-event dannuż; "*prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet* remotissimi u inverosimili" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Ikompli jingħad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*" .

**26.** Kwantu għall-għemil "*doluz, misappropjazzjoni u ghemil frawdolenti*" li qiegħed ikun addebitat mill-konvenuti lis-Soċjeta' Attriċi (ara talbiet rikonvenzjonali), il-Qorti tfakkar li f'dan ir-rigward huwa prinċipju fondamentali tal-liġi rikonoxxjut bl-Art 561 tal-Kap 12 illi l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jagħmel l-allegazzjoni ta` dak il-fatt.

**27.** Dan il-prinċipju huwa aktar rigoruż meta jkun jikkonsisti f'allegazzjoni ta' frodi, għaliex din ma tista' qatt tkun presunta anzi trid tkun ipprovata minn min jallega b'mod li ma joħloq il-konvinzjoni raġjonevoli f'moħħ il-ġudikant li tassew twettqet frodi b'detriment għal min qed jallegaha. Huwa għalhekk li l-Kodiċi Ċivili f'artikolu 981 jipprovdi *"(1) L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienetx tikkuntratta.*

*(2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat."* (Emfażi tal-Qorti).

**28.** Ix-xorta ta' għemil li huwa rikjest sabiex jkun jista jingħad li kien hemm għemil doluż irid ikun tali li l-persuna mqarrqa tassew tkun vittma ta' qerq. Il-qerq jiġi riskontrat meta għemil maħsub minn persuna jitwettaq bil-ħsieb li juri ħaġa b'oħra jew li konsapevolment jwiegħed ħaġa jew jikkonsenja oġġett meta jkun jaf li dan ma jistax isir jew li ma huwiex bħal dak imwiegħed u jagħmel minn kollox biex jgħatti dan il-fatt.

**29.** Meta l-Qorti eżaminat l-atti rrisultalha li n-negozju li għamlu il-partijiet kien wieħed ħażin sa mill-bidu tiegħu. Nuqqasijiet minn naħa tat-

tnejn żgur kien hemm iżda mhux sal-punt li din il-Qorti tista' bis-serenita' tgħid li s-Soċjeta' Attriċi rikonvenzjonata wettqet l-atti li qed tkun addebitata bihom.

**30.** Għalhekk it-talbiet rikonvenzjonali ser ikunu kollha riġettati.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba Attriċi** billi tiddikjara li kwantu għall-konvenut personalment għandu jħallas lis-Soċjeta' Attriċi s-somma ta' tnax-il elf u ħmistax-il ewro (€12,015) u kwantu għas-Soċjeta' konvenuta trid tħallas is-somma ta' għaxart elef tmien mija u ħdax punt sitta tal-ewro (€10,811.6) bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenuti rispettivament iħallsu s-sommom imsemmija lis-Soċjeta' Attriċi bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sentenza sal-pagament effettiv.

**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali** kollha.

Spejjes tal-kawża għall-konvenuti solidalment bejniethom.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**